VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,941, 30 ta' Jannar, 2018
Taqsima B

A.L. 32 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Social Work;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Social Work;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Social Care Studies;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in in Social Care Studies; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fis-Social Policy, Psychology, Youth and Community Studies jew Social Wellbeing Studies; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat, f'Kategorija II tal-anqas fi tnejn mill-oqsma ta' studju li ġejjin: Anthropology, Psychology, Sociology jew Social Studies; jew

(ċ) grad ta' Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat tal-anqas f'Kategorija II fit-Teoloġija flimkien mas-Psychology jew mas-Social Studies jew mas-Sociology; jew

(d) grad ta' Bachelor miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat, tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II fi kwalunkwe dixxiplina li mhix imsemmija hawn fuq.

(2) Minbarra li jkollhom waħda mill-kwalifiki msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, l-applikanti:

(a) ikunu meħtieġa jippreżentaw ittra ta' attestazzjoni fejn juru li għandhom esperjenza relatata mal-kura soċjali li kienu involuti fiha mhux anqas minn tliet snin qabel il-bidu tal-Kors, sakemm li:

(i) l-applikanti li jidħlu skont is-sotto-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament huma meħtieġa li jkollhom minimu ta' 150 siegħa ta' esperjenza; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) l-applikanti li jidħlu skont is-sotto-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament huma meħtieġa li jkollhom minimu ta' 500 siegħa ta' esperjenza;

(b) għandhom jippreżentaw riflessjonijiet bil-miktub dwar l-esperjenza relatata mal-kura soċjali waqt intervista;

(ċ) m'għandhomx ikunu inklużi fir-Reġistru stabbilit skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri (CAP. 518); u

(d) għandhom juru li għandhom il-kapaċità u d-dispożizzjoni neċessarji biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) (a) Il-kapaċità u d-dispożizzjoni professjonali għandhom ikunu meqjusa permess ta' intervista personali u diskussjoni fi grupp. L-intervisti għandhom ikunu mmexxija minn bord tal-intervisti magħmul għall-anqas minn tliet membri, maħtur mill-Bord għal dan il-għan.

(b) L-applikanti li jiksbu anqas minn 60% għall-kriterju tal-kapaċità u tad-dispożizzjoni professjonali awtomatikament ma jitħallewx jidħlu fil-Kors.

(4) Is-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, għandu jiddetermina l-għadd tal-applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibbilità tar-riżorsi. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jitħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) Meta l-għadd ta' applikanti li jistgħu jidħlu fil-Kors ikun limitat skont il-paragrafu (4) ta' dan l-ordinament, u l-għadd tal-applikanti eliġibbli li jissodisfaw il-kriterju tal-kapaċità kif speċifikat fil-paragrafu (3) ta' dan l-ordinament jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom hu kif ġej:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad – 30%;
(b) l-esperjenza relatata mal-kura soċjali – 15%;
(ċ) il-kapaċità u d-disposizzjoni professjonali – 50%; u
(d) ir-riferenzi – 5%.

(6) L-applikazzjonijiet għall-Kors għandhom ikunu sottomessi sad-data mħabbra mill-Università ta' Malta. Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul kollha sal-31 ta' Awwissu qabel ma jibda l-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma, 30 krettu ECTS huma assenjati għal żewġ *work placements*, u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu 30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

(3) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

6. F'każijiet fejn l-applikanti għandhom nuqqas ta' għarfien essenzjali fil-qasam tas-suġġett, il-Bord jista' jeħtieġ lill-istudenti li jidħlu fil-Kors biex isegwu u jgħaddu minn taqsimiet studju supplimentari sa massimu ta' 12-il krettu ECTS, minbarra l-programm ta' studju speċifikat fl-ordinament 5 ta' dawn l-ordinamenti.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsimiet studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 kretti ECTS għal taqsimiet studju mgħallma, jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS għal taqsimiet studju mgħallma jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *part-time*, jingħataw l-opportunità li jagħmlu mill-ġdid il-valutazzjonijiet li weħlu minnhom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'xi *work placement* ma jingħatawx l-opportunità li jagħmluh mill-ġdid fl-istess sena akkademika iżda jkunu meħtieġa li jagħmluh mill-ġdid matul sena addizzjonali ta' studji. Din is-sena addizzjonali m'għandhiex tingħadd għall-iskop tat-tul tal-Kors.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors u jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul it-tielet u r-raba' semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur, li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta dettaljata ta' riċerka għandhom jitressqu għall-approvazzjoni tal-Bord sal-aħħar tat-tieni semestru.

10. (1) L-istudenti għandu jkollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-supervizjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* jew fuq bażi *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perijodu ta' studju jkun imtawwal biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.